32004R2083

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2083/2004

tas-6 ta' Diċembru 2004

jemenda r-Regolamenti (KE) nri 1432/94 u 1458/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet stipulati fl-iskeda CXL imħejjija wara l-konklużjonijiet tan-negozjati GATT XXIV.6 [2], u partikolarment l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

(1) Għas-simplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-kwoti ta' importazzjoni u biex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati elettronikament, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/94 tat-22 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-arranġamenti tal-importazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal li hemm provediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti tariffi ta' kwoti tal-Komunità għal-laħam tal-majjal u ċerti prodotti agrikoli oħra [3] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1458/2003 tat-18 ta' Awwissu 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa fis-settur tal-laħam tal-majjal [4], għandhom jipprevedu referenza li tikkonsisti f'numru serjali għal kull kwota.

(2) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1432/94 u (KE) Nru 1458/2003 għandhom għalhekk jiġu emendati.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1432/94 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(b) tinbidel b'dan li ġej:

"b) L-applikazzjonijiet għall-liċenzji għandhom jinkludu n-numru serjali, u jistgħu jirrelataw għall-prodotti koperti miż-żewġ kodiċi NM differenti u li joriġinaw f'pajjiż wieħed biss."

2. L-Annessi jinbidlu bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Annessi I sa IV tar-Regolament (KE) Nru 1458/2003 huma mibdula bit-test tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 258/2004 (ĠU L 44, 14.2.2004, p. 14).

[2] ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.

[3] ĠU L 156, 23.6.1994, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1006/2001 (ĠU L 140, 24.5.2001, p. 13).

[4] ĠU L 208, 19.8.2003, p. 3.

ANNESS I

"ANNESS I

DAZJU DOGANALI FFISSAT GĦAL 0 %

(tunnellati)

Nru serjali	Kodifiċi NM	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
09.4046	0203 19 13 0203 29 15	7 000

ANNESS II

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1432/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ — DĠ AGRI/D/2 — Is-Settur tal-Laħam tal-Majjal		
L-applikazzjoni għal liċenzji ta' importazzjoni ffissati għal 0 %	Data	Staġun
Stat Membru: Mingħand: L-uffiċjal li għandu jiġi kkuntattjat: Telefon: Faks:		

Destinatarju: DĠ AGRI/D/2 — Faks 0032 2 298 87 94

Numru serjali	Il-Kwantità fl-applikazzjoni
09.4046	

ANNESS III

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1432/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ — DĠ AGRI/D/2 — Is-settur tal-laħam tal-majjal		
Applikazzjoni għal-liċenzja ta' importazzjoni	Data	Staġun
Stat Membru:		

Numru serjali	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità (*tunnellati*)
09.4046			
		Total f'tunnellati tal-prodott	

ANNESS IV

Komunikazzjoni ta' kwantitajiet fattwalment importati

Stat Membru: .....

L-applikazzjoni tal-Artikolu ..... tar-Regolament (KE) nru .....

Kwantitajiet fattwalment importati tal-prodotti: .....

Lil: DĠ AGRI/D/2 — Faks (32-2) 298 87 94

Numru serjali	Kwantitajiet fattwalment importati	Pajjiż tal-oriġini"

ANNESS II

"ANNESS I

Numru serjali	Grupp	Kodifiċi NM	Deskrizzjoni	Dazji doganali (Eur kull tunnellata)	Kwantitajiet f'tunnellati mill-1 ta' Lulju 2000
09.4038	G2	ex 0203 19 55 ex 0203 29 55	Lonżiet u prieżet dissussati friski, imkessħa jew iffriżati	250	34 000
09.4039	G3	ex 0203 19 55 ex 0203 29 55	Flett frisk imkessaħ jew iffriżat	300	5 000
09.4071	G4	1601 00 91	Zlazet, niexfa jew għad-dlik, mhux imsajra	747	3 000
		1601 00 99	Oħrajn	502	
09.4072	G5	1602 41 10	Preparazzjonijiet u priserv tal-laħam, tal-interjuri jew tad-demm	784	6 100
		1602 42 10		646	
		1602 49 11		784	
		1602 49 13		646	
		1602 49 15		646	
		1602 49 19		428	
		1602 49 30		375	
		1602 49 50		271	
09.4073	G6	0203 11 10 0203 21 10	Karkassi jew robbi friski, imkessħa jew iffriżati	268	15 000
09.4074	G7	0203 12 11	Qatgħat friski, imkessħa jew iffriżati, diżussati jew mhumiex, ħlief il-flettijiet ippreżentati għalihom weħidhom	389	5 500
		0203 12 19		300	
		0203 19 11		300	
		0203 19 13		434	
		0203 19 15		233	
		ex 0203 19 55		434	
		0203 19 59		434	
		0203 22 11		389	
		0203 22 19		300	
		0203 29 11		300	
		0203 29 13		434	
		0203 29 15		233	
		ex 0203 29 55		434	
		0203 29 59		434	

ANNESS II

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1458/2003 — Importazzjonijiet GATT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ — DĠ AGRI/D/2 — Is-Settur tal-Laħam tal-Majjal		
Applikazzjoni għal-liċenzja ta' importazzjoni	Data	Staġun
Stat Membru: Minħand: L-uffiċjal li għandu jiġi kkuntattjat: Telefon: Faks:		

Destinatarju: DĠ AGRI/D/2 — Faks 0032 2 298 87 94

Numru serjali	Numru tal-grupp	Il-Kwantità fl-applikazzjoni
09.4038	G 2	
09.4039	G 3	
09.4071	G 4	
09.4072	G 5	
09.4073	G 6	
09.4074	G 7	

ANNESS III

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1458/2003 — Importazzjonijiet GATT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ — DĠ AGRI/D/2 — Is-settur tal-laħam tal-majjal		
Applikazzjoni għal-liċenzja ta' importazzjoni	Data	Staġun
Stat Membru:		

(tunnellati)

Numru serjali	Numru tal-grupp	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità	Pajjiż tal-oriġini
09.4038	G 2				
			Totali		

(tunnellati)

Numru serjali	Numru tal-grupp	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità	Pajjiż tal-oriġini
09.4039	G 3				
			Totali		

(tunnellati)

Numru serjali	Numru tal-grupp	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità	Pajjiż tal-oriġini
09.4071	G 4				
			Totali		

(tunnellati)

Numru serjali	Numru tal-grupp	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità	Pajjiż tal-oriġini
09.4072	G 5				
			Totali		

(tunnellati)

Numru serjali	Numru tal-grupp	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità	Pajjiż tal-oriġini
09.4073	G 6				
			Totali		

(tunnellati)

Numru serjali	Numru tal-grupp	Kodifiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Kwantità	Pajjiż tal-oriġini
09.4074	G 7				
			Totali		

ANNESS IV

Komunikazzjoni ta' kwantitajiet fattwalment importati

Stat Membru: .....

L-applikazzjoni tal-Artikolu ..... tar-Regolament (KE) nru .....

Kwantitajiet fattwalment importati tal-prodotti: .....

Lil: DĠ AGRI/D/2 — Faks 0032 2 298 87 94

Numru serjali	Kwantitajiet fattwalment importati	Pajjiż tal-oriġini"